MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1848/2004

**Anthony Sammut**

**Vs**

**Mario Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta` Ottubru, 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ tliet mitt lira (Lm300) rapprezentanti bilanc ta` prezz dovut fuq plattin tal-fidda mibjugh u konsenjat lill-iben l-istess konvenut ghal liema dejn l-odjern konvenut kien assuma l-obbligu relattiv ta` hlas.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra legali datata 18 ta` Marzu, 2004 u tal-ittra ufficjali tas-6 ta` Mejju, 2004 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 25 ta` Jannar, 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici u kif ukoll li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur u li m`ghandux ihallas l-ammont mitlub. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensur ta` l-attur.

Ikkunsidra.

L-attur xehed li kien biegh tray tal-fidda lil Marcus Tonna, iben il-konvenut ghas-somma ta` Lm1,350. Minn dan kien thallas Lm800 u Lm150 minghand Marcus Tonna u l-ahhar pagament ta` Lm100 kien hallashom il-konvenut Mario Tonna – B'hekk jifdal bilanc ta` Lm300 mitluba f'dan l-avviz. Dan l-ahhar pagament jidher fuq Dok AS2 li jinsab redatt fuq letter head tan-negozju ta` l-istess konvenut. Dan il-pagament gie ndikat ukoll bhala pagament akkont apparti l-fatt li skond ix-xhieda ta` l-attur, il-konvenut kien wieghdu li ser ihallsu l-kumplament pero` kull darba jghidlu biex ighaddilu hin iehor.

Il-konvenut Mario Tonna stess jikkonferma li kien hemm negozju on going bejnu, ibnu u l-attur. Kienu jinghataw bicciet tal-fidda minghand l-attur u kienu jhallsuh wara li jbieghuha. Jikkonferma wkoll li n-negozju bl-isem ta` Cellini huwa ta` kumpanija privata tieghu. Il-konvenut jallega li ma qabilx mal-bilanc li qed jitlob l-attur peress li kienu saru xi pagamenti ohra u pprometta li kien ser jesebixxi dokumenti f'dan is-sens. Il-konvenut pero` mhux talli ma esebixxa ebda dokument in konnessjoni mal-kontestazzjoni tieghu (ghalkemm kien inghata kull opportunita` li jaghmel dan) izda sahansitra ikkonferma ir-rimanenti bilanc ta` Lm300 li jidher fuq id-dokument esebit a fol. 17 tal-process u kif ukoll ikkonferma il-firma tieghu fuq l-ircevuta ta` Lm100 a fol. 18 tal-process. Illi ghalhekk

ma tirrizulta ebda prova kontrarja rigwardanti l-bilanc mitlub f'dina l-kawza fl-ammont ta` Lm300.

Illi dwar il-kontestazzjoni principali ta` min kien il-legittimu kontradittur, it-Tribunal jinnota li l-konvenut afferma li n-negozju ma` l-attur kien jigi esegwit minnu stess flimkien ma` ibnu u ma nnegax li kien ikun hemm obbligu ta` hlas da parti tieghu meta jakkwistaw oggett tal-fidda minghand l-attur. Jinghad inoltre li l-pagament ta` Lm100 a fol. 18 tal-process kien gie effettwat mill-konvenut innifsu bhala pagament akkont favur l-attur. Illi ghalhekk l-attur kien gustifikat li jressaq l-odjerna pretenzjoni tieghu anke fil-konfront tal-konvenut tenut kont tal-fatt illi fl-atti tal-kummerc tezisti s-solidarjeta` fl-obbligazzjonijiet assunti mid-debituri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' tliet mitt lira (Lm300) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta` Mejju, 2004 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------